AMMINISTRAZZJONI
TAT-TAXXA U D-DWANA
MALTA

# Dazju Ġdid ta' €3 fuq Importazzjonijiet ta' Merkanzija minn barra l-UE f'Kunsinni b'valur ta' €150 jew Inqas

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà: L-iskop ta' dan id-dokument hu li jipprovdi ħarsa simplifikata tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi Doganali tal-UE u ma għandux jitqieslegalment vinkolanti, u ma għandu bl-ebda mod jippreġudika s-setgħat tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana skont l-Atti tat-Taxxa kif definiti f'Kapitlu 517 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dikjarazzjoni: Dan id-dokument huwa verżjoni traduċuta għall-Malti. Għal punti ambigwi jew tekniċi, uża l-verżjoni oriġinali bl-Ingliż.**

Sat-30 ta' Ġunju 2026, oġġetti mixtrija onlajn minn barra l-Unjoni Ewropea ('UE') b'valur ta' €150 jew inqas (esklużi spejjeż ta' trasport u assigurazzjoni, jekk separatament indikati[1]) kienu eżenti minn dazji doganali minkejja li t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) hija applikata mill-ewwel ewro.

It-tkabbir rapidu tal-kummerċ elettroniku madwar l-UE wassal għal żieda sinifikanti fin-numru ta' pakketti żgħar li jidħlu fl-UE, sottovalutazzjoni mifruxa, u kompetizzjoni inġusta bejn bejjiegħa fl-UE u bejjiegħa minn barra l-UE.

Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, l-UE ddeċidiet li tneħħi l-eżenzjoni tad-dazju doganali fuq kunsinni b'valur ta' €150 jew inqas. Dan ifisser li kull oġġett importat fl-UE ser jiġi soġġett għad- dazju doganali, irrispettivament mill-valur tiegħu.

Mill-**1 ta' Lulju 2026**, dazju doganali simplifikat b'rata fissa ta' €3 ser japplika fuq kull oġġett f'kunsinna, mixtri onlajn minn pajjiżi barra l-UE. B'riżultat, ix-xiri onlajn ta' oġġetti b'valur baxx minn barra l-UE, jista' possibilment jogħla, u l-proċess tar-ritorn tal-merkanzija jista' jiġi affetwat ukoll.

Ir-rata simplifikata fissa ta' €3 ser tapplika fuq kull **oġġett**. Oġġett jikkonsisti minn prodott wieħed jew aktar f'kunsinna, bl-istess klassifikazzjoni tariffarja u saħħansitra, l-istess deskrizzjoni[2].

Għal aktar informazzjoni dwar klassifikazzjoni tariffarja, jekk jogħġbok agħfas hawn.

Għal informazzjoni dwar kif it-VAT ser tinteraġixxi mad-dazju doganali b'rata fissa ġdida ta' €3, jekk jogħġbok irreferi għall-Addendum għan-Noti ta'Spjegazzjoni dwar it-VAT għall-kummerċ elettroniku, li jikkonċerna t-trattament tat-VAT tad-dazju doganali ta' €3 fuq oġġetti importati li ma jaqbżux il-valur ta' €150, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2028, disponibbli hawn.

## Eżempji Prattiċi

1. Pakkett jikkonsisti minn par żarbun (1). Id-dazju doganali ta' €3 inkluż it-VAT, huwa dovut.

2. Pakkett jikkonsisti minn par headphones (1), ċarġer wieħed (1), u case tal-mobile wieħed (1), dawn huma tliet oġġetti distinti li jaqgħu taħt klassifikazzjonijiet tariffarji differenti. B'hekk, kull prodott ser jattira ħlas ta' dazju doganali ta' €3. Għalhekk, id-dazju doganali ta' €9 inkluż it-VAT, huwa dovut.

3. Pakkett jikkonsisti minn qmis waħda (1) tal-ħarir u qmis waħda (1) tal-qoton. Kull waħda minnhom taqa' taħt klassifikazzjoni tariffarja differenti. B'hekk, kull qmis ser tattira ħlas ta' dazju doganali ta' €3. Għalhekk, id- dazju doganali ta' €6 inkluż it-VAT, huwa dovut.

4. Pakkett jikkonsisti minn żewġ (2) flokkijiet identiċi magħmula mill-qoton. Dan hu kkunsidrat bħala oġġett wieħed (1) minħabba li ż-żewġ prodotti fil-kunsinna jaqgħu taħt l-istess klassifikazzjoni ta' TARIC u b'hekk jattiraw ħlas ta' dazju doganali ta' €3 (mhux €6).

[1] Artiklu 1(48) tar-RDK 2015/2446 li jiddefinixxi "valur intrinsiku"
[2] Artiklu 1(61) KDU-AD 2015/2446 hekk kif emendat minn Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2026/2760

# Kif għandu jitħallas id-dazju doganali ġdid?

iIl-konsumaturi ser iħallsu d-dazju doganali ta' €3 fuq kull oġġett permezz ta wieħed minn żewġ modi u skont it-termini u l-kundizzjonijiet tan-negozju li jkunu qed jixtru mingħandu:

1. **Imponut waqt iċ-checkout mill-bejjiegħ/pjattaforma:**

   F'dan il-każ, id-dazju għandu jinġabar mill-bejjiegħ/pjattaforma fil-punt tal-bejgħ flimkien mat-VAT dovuta. F'dan il-każ, id-dazju ta' €3 fuq kull oġġett għandu jintwera b'mod ċar, u l-ammont totali dovut fiċ-checkout għandu jirrappreżenta l-prezz finali li jinkludi d-dazju doganali u t-VAT; jew

2. **Imħallas mal-importazzjoni meta ma tkunx ġiet imposta mill-bejjiegħ/pjattaforma:**

   F'dan il-każ, il-fornitur tas-servizz postali jew il-courier għandu l-obligu li jiġbor il-ħlas tad-dazju ta' €3 fuq kull oġġett mingħand il-konsumatur qabel il-kunsinna tiġi rrilaxxata u eventwalment imwassla għand il-konsumatur.

*Qabel ma ssir ordni, il-konsumaturi għandhom jaqraw it-termini u l-kundizzjonijiet tas-sit elettroniku sabiex jikkonfermaw jekk it-taxxi u d-dażji humiex imponuti fil-mument taċ-checkout. Għandhom jirreferu wkoll għall-politika ta' rifużjonijiet għat- taxxi mħallsa fuq ir-ritorn tal-merkanzija*

# Xiri minn ġewwa l-UE u l-identifikazzjoni tal-lokalità tas-sit elettroniku

L-ebda dazju doganali ma huwa dovut meta l-oġġetti huma trasportati minn ġewwa l-UE.

Minkejja dan, meta l-oġġetti huma mixtrija minn fornituri ġewwa l-UE imma huma trasportati minn barra l-UE, id-dazju doganali simplifikat b'rata fissa ta' €3 ser japplika bl-istess mod bħalma hu spjegat iktar 'il fuq.

Jekk id-dazji doganali ma jissemmewx b'mod ċar, il-konsumaturi għandhom jiċċekkjaw is-sezzjoni ta' "Termini u Kundizzjonjiet" jew "Dwarna" fis-sit elettroniku biex jikkonfermaw kemm il-lokalità tan-negozju u kemm il-pajjiż li minnu qed tiġi trasportata l-merkanzija.

Għal aktar informazzjoni ddettaljata u gwida prattika fuq l-applikazzjoni tad-dazju doganali temporanju ta' €3, tista' ssir referenza għad-dokument ta' gwida uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea: *Customs Guidance on EUR 3 Customs Duty*

Għal aktar assistenza, jekk jogħġbok ikkuntatja lid-Dwana billi tuża' l-*Contact Form* jew permezz ta' email lil servizz@gov.mt.

AMMINISTRAZZJONI
TAT-TAXXA U D-DWANA

MALTA

**T** 153 (Citizens / Ċittadini) **T** 144 (Business / Negozji) **E** servizz@gov.mt mtca.gov.mt